**Kap: 5**

# BHAL ILJUN IDUR MADWARNA

**"Itlaq minn quddiemi, ja Xitan, int tfixkil ghalija."**

**(Mt. 16:18)**



**'Is-serp qarraq bija, u jien kilt"**

**(Gen 3:13)**

San Girgor il-Kbir hallielna *fidi-Dialogi* tieghu rakkont ta' kif darba San Benedittu mexxielu jirbah it-tentazzjoni tax-xitan.
Il-qaddis kien fuq is-Subiaco fi grotta jisimha *Sacro Speco.* Kien wahdu, qed jitlob. Ix-xitan jidher quddiem il-qaddis forma ta' ghasfur, precizament malvizz iswed, li beda jtir madwar rasu, tant fil-baxx li seta', li kieku ried, jaqbdu b'idejh. Il-qaddis induna li kien ix-xitan qed jipprova jtellfu fit-talb. Irodd is-salib, u l-ghasfur jahrab.

Imma x-xitan ma jaqtax qalbu u jgib fmohh u f'qalb il-qaddis hsieb impur hekk qawwi li qatt qabel ma kien hass bhalu. Tigih quddiem l-immaginazzjoni tieghu, mara li darba kien raha. U Benedittu ma setax inehhi minn mohhu dak il-hsieb impur dwar dik il-mara. Ghal ftit ma waqax, imma malajr jigi f'sensih. Konfuz u fl-istess hin imdawwal bil-grazzja t'Alla, jinza' hwejgu u jintefa' f'roqgha gholliq, xewk u hurrieq li kien hemm fil-vicin. U jitmieghek f'dak il-haxix inigges, sakemm hareg minnu kollu demm u hruq. Imma issa x-xitan kien hallih. Ma jhossx izjed in-nar ta' passjoni mpura jaqbad fih. Kien rebah lix-xitan, u - jirakkonta l-istess Benedittu lid-dixxipli tieghu - minn dak in-nhar qatt ma hass izjed hekk qawwi l-gibda leju l-impurita (1).

## *X'Inhi t-Tentazzjoni?*

Diga ghedna li l-attivita' ordinarja tax-xitan ma' kull bniedem hija i-tentazzjoni. Ix-xitan jittanta lil kulhadd.
"L-ghadu taghkom ix-xitan, qisu ljun jghajjat idur ujfittex 'il min sajibia'" (1 Piet 5:8) Imma fil-fatt x'inhi t-tentazzjoni?

It-terminu nsibuh bosta drabi fl-Iskrittura, taht tifsiriet diversi. Tista' tfisser: tipprova lil xi hadd, tpoggi lil xi hadd f'sitwazzjoni li jaghzel, tindaga.

Hi wkoll prova lill-istess gust, donnok qed taghmillu ezarni biex int tara sew x'jaf kif ukoll hu jirrendi mhu izjed konxju mill-kapacitajiet tieghu. F'dan is-sens allura anki Alla jista' jittantani (2).

Naturalment ix-xitan, meta jittanta, qatt majkun qed ifittex il-gid ta' l-individwu, imma dejjem id-deni tieghu. Xi drabi juza* lill-istess bniedem biex dan ikun dak li jhajjar ohrajn ghall-hazen. Ovvjament, ix-xitan jista' jhajjami biss biex nidneb, imma ma jistax igeghini nidneb. Hu difficli hafna biex tfisser u tifhem il-mod kif dan jaghmlu. Bla dubju ta' xejn, normalment ma jaghmlux bit-mod kif ghamlu ma' San Benedittu Jew qaddisin ohrajn. Imma min-naha l-ohra, hadd mhu ser jehles mit-tentazzjoni tieghu.

Dan nghiduh ukoll ghaliex ix-xitan imexxielu jwaqqa' l-ewwel bniedem. B'dik il-waqgha, kull bniedem iccappas bid-dnub originali. Ix-xitan mela issajista' jahdem izjed, ghaliex il-bniedem huwa diga dghajjef u migbud lejn il-hazin.

Id-duttrina tad-dnub originali tmexxina lejn osservazzjoni ohra:
li mhux kull dnub u lanqas kull tentazzjoni ma tigi direttament mix-xitan.Dwar dan San Tumas huwa car hafna (3). Zgur li x-xitan jittantani; imma mhux dejjem hu possibbli naghraf b'certezza ikunx hu jew le li qed jittantani, almenu direttament.

## Il-kelma tal-psikologija

Piskologikament,, it-tentazzjoni ghandha tliet fazijiet: is-suggestjoni, (tithajjar) id-dilettazzjoni (il-gost) u *i-kunsens* (4).

Ix-xitan jahdem principalment fuq l-ewwel fazi: dik tas-suggestjoni fejn ihajrek lejn l-azzjoni.

Tinsiex li hu jaghraf sewwa n-natura mhassra tal-bniedem. U hu fuq din li jahdem. Il-veru hsieb sigriet fil-bniedem u l-inklinazzjonijiet profondi tal-qalb ta' l-individwu, hu ma jaghrafhomx. Imma facli hafna lijintuwixxi x'ikun ghaddej mill-mohh u mill-qalb, izjed u izjed jekk int timmanifestahom anki minimament b'modjew iehor (5). Naghti ezempju.

Immagina li tigi tfajla quddiemi. Jien ma nafx x'inhu ghaddej minn mohhha u qalbha. Imma naf xi ftit il-psikologija ta' tfajla normali ta' 16-il sena, u allura facli hafna li jien nintuwixxi xi tkun il-problema taghha. U dan izjed u izjed jekk turini certi fattizzi tal-wicc, ghajnejn, u l-bqija. Kollox jghinni ninduna minn **xiex** tkun ghaddejja, qabel ma hi tiftah fommha.

Issa tinsiex li x-xitan huwa spirtu, u allura kapaci jidhol izjed fil-mohh u l-qalb, u jaghraf lejn xiex ghandu jiddirigieh u jhajru lill-bniedem. Ovvjament, ix-xitan jipprova jikkonvincih biex jaccetta (kunsens) dak li jhajru ghalih, u dan jaghmlu billi jipprezentalu d-dnub bhala xi haga tajbaJew almenu mhix hazina. Imma l-kunsens jibqa' mbaghad dejjem responsabbilta shiha tal-bniedem (6).

Zomm ukoll quddiem ghajnejk li x-xitan qatt ma jista' jittantani '1 fuq mill-forzi tieghi, ghax allura jien ma nkunx izjed responsabbli ta' dnubi. Lix-xitan Alla jippermettilu biss li jittantanti skond kemmjien niflah biex ma naqax. B'hekk l-istess tentazzjoni tispicca biex iddur favur tieghi.

## Il-kelma tal-psikjatrija

Mhix l-ewwel darba illi diretturi spiritwali jigu quddiem kazijiet fejn ma jkunx facli biex jiddixxernu jekk certi stati ta' penitenti jkunux gejjin minn tentazzjonijiet intemi tax-xitan Jew minn semplici disturb psikiku.

## X'Inhi t-Tentazzjoni?

Diga ghedna li \-attivita ordinarja tax-xitan ma' kull bniedem hija t-tentazzjoni. Ix-xitan jittanta lil kulhadd.

"L-ghadu taghkom ix-xitan, qisu ljun jghajjat idur u jfittex 'il min sa jibia"' (1 Piet 5:8) Imma fil-fatt x'inhi t-tentazzjoni?

It-terminu nsibuh bosta drabi fl-Iskrittura, taht tifsiriet diversi. Tista' tfisser: tipprova lil xi hadd, tpoggi lil xi hadd f sitwazzjoni li jaghiel, tindaga.

Hsibt **ghaldaqstant** li **naghti ftit indikazzjonijiet hfief dwar** dawn il-kazi **biex** ma **nhalltux disturbi psikologici ma'** tentazzjonijiet.

L-allucinazzjoni - Dan hu disturb psikosensorjali. Il-persuna tahseb li qed tara, tisma', ixxomm, ittieghem Jew tmiss dak li fil-fatt majkunx reali. Ovvjament, min jesperjenza l-haga, ikun izjed milli cert mill-oggettivita taghha, imma fil-fatt tkun biss allucinazzjoni: percezzjoni li tkun gejja mill-mohh biss.

Hemm differenza bejn l-allucinazzoni u l-illuzjoni. Hawn jista' jkollok xi haga reali, imma int tkun qed tesperjenzaha b'mod divers minn dik li hi verament ir-realta. Hekk bhala ezempju dell jew tebgha fuq hajt quddiemek tidher bhala figura Jew wicc car hafna. Hadd mhu serjikkonvincik li dak li rajt kienet illuzjoni biss.

L-allucinazzjonijiet insibuhom f'diversi forom patologici bhal nghidu ahna \-*iskiiofrenija, il-psikosi-manijako-depressiva,* l-*epilessija,Il-psikosi tossika.*

Id-delirju - Huwa stat iehor psikjatriku fejn is-suggett jinterpreta b'mod falz u fantastiku, dejjem f'riferiment ghall-persuna tieghu, percezzjoni Jew xi haga li tkun grat. Spiss hawn ghandna l-kazi skizofrenici, fejn allura l-persuna twahhal f'mohhha xi haga li tkun imbeghda mir-realta. Il-persuna fi stat ta' delirju tesperimenta wkoll sentimenti ta' estraneita, bhal min jimmagina u jkun konvint li ghandu xitan fih li jkun qed imexxih f'kollox, meta fil-fatt ma jkun hemm l-ebda xitan.

L-ossessjoni - Hija marda kiefra li l-psikjatra biss jista' jghin biex tfiq. Il-persuna tiffissa fuq xi haga u tirrepetiha kontinwament. Tista' tkun espressjoni jew azzjoni (bhal nghidu ahna tahsel kontinwament idejk jew titqazzez kollox) jew impulsivita. Bosta drabi hawn jidhlu wkoll l-iskrupli, fejn il-persuna timmagina li tkun kontinwament attakkata mix-xitan, meta fir-realta l-kaz ikun biss kaz ta' ossessjoni.

Wiehed hawn malajr jinduna kemm prudenza u dixxemiment hemm bzonn biex wiehed jasal ghal certezza li dak li jkun qed isehh fl-individwu jkun rizultat ta' attakk tax-xitan u mhux semplici disturb psikiku. Min-naha l-ohra, wiehed ghandu jzomm quddiem ghajnejh dan: fil-magguranza tal-kazijiet, insibu li z-zewg aspetti jkunu mhalltin flimkien.

Ghax-xitan huwa facli hafna li jahdem f persuna li tkun tbati bl-allucinazzjonijiet, delirji u ossessjonijiet. Min-naha l-ohra attakk tax-xitan dejjem jaghmel hsara fil-persuna mil-lat psikiku, u allura jaghmilha izjed predisposta ghal dawn id-disturbi. L-importanti hu li x-xjenza u s-sacerdot jahdmu b'id fidjekk tassew ghandhom ghal qalbhom is-sahha shiha tal-bniedem.

**Tentatur sa minn qaddisu!**

L-ghira u l-mibeghda li hemm fSatana taghmlu tentatur minn qaddisu. Difatti, sa mill-bidu ta' l-istorja tal-helsien tal-bniedem, insibuh jittanta u jqarraq. Bla dubju ta' xejn l-ikbar tentazzjoni tieghu kienet dik li waqqa' lill-ewwel genituri taghna.

It-tielet Kapitlu tal-Genesi hafna drabi m'ahniex naghtu kasu bizzejjed. Forsi ghaliex jinteressana izjed li niddiskutu l-istoricita tieghu milli l-messagg li johrog minnu. Bla dubju ta' xejn dan jaghti gost immens lix-xitan.
Imma naraw x'tattikajuza x-xitan mir-rakkont tal-Genesi.

Il-gnien tal-Gheden huwa l-progett t'Alla ghall-bniedem. Hu post fejn hemm serenita, ferh, pact. Li tkun m'Alla, ifisser tkun fl-Gheden. L-Gheden jinsab f'qalbek.

Ix-xitan juza zewg metodi ta' tattika fina biex iwaqqa' lill-bniedem:

- jahsad lil Eva. Zgur li Eva ma kenitx qed tistenna din it-tentazzjoni. Ix-xitan hasadha. Sab il-mument adatt.
- Satana jidher mibdul quddiem Eva. Hu qarrieq, giddieb u tentatur. Mela jbiddel kuluru skond ic-cirkustanzi. Jidher taht il-libsa

maestuza tas-serp li jiddjaloga donnu ried joffri l-ghajnuna li Eva kellha bzonn dak il-hin.

L-iskop tieghu huwa preciz: iwassal lill-bniedem ghad-dizubbidjenza lejn Alla, biex hekk ikun hu li jiehu l-hakma tal-mohh u tal-qalb. Il-bniedem kellu jbaxxi rasu u jadura lilu!

Biex jasal ghal dan, ix-xitan juza l-istess doni li Alla ta lill-bniedem, u jattakkah permezz taghhom. Dawn huma: il-gisem, il-mohh u l-ambizzjoni.

Attakk fuq il-gisem - M'hemm xejn hazin li wiehed ikun bil-guh. Il-guh hu istint li Alla stess tahulna, biex bih niftakru fil-bzonn li nieklu, u hekk nibqghu hajjin. Ix-xitan jattakka '1 bniedem permezz ta' dan l-istint.

IIlum ix-xitan ghadu jaghmel l-istess mal-bniedem. Huwa jaf li jinhtieg l-ikel, ix-xorb, is-sess, l-irqad, is-sahha. U allura jasal biex jittantah billi jinbxu f'dawn l-esigenzi bazici u fizici tieghu.

Hares harsa madwarek. Fl-Occident kulhadd hu ppreokkupat dwar id-dieta minhabba ikel zejjed, filwaqt li nofs it-tielet dinja qed tmut bil-guh. L-alkohol sar wiehed mill-ikbar qattiela ta' zmenijietna u hu problema socjali.

L-ghazz huwa wiehed mill-problemi karatteristici ta' hafna pajjizi.
U hekk nistghu nkomplu: sess, serq, vjolenza, droga...
X'inhu dan kollu jekk mhux it-tentazzjoni tax-xitan lil Eva: "kul mis-sigra"
Altru li Genesi 3 hu fatt storiku!

Attakk fuq il-mohh - Hu jattakka l-mohh ta' Eva u jnissel fiha hafna dubji u konfuzjoni. Igeghlha tiddubita mit-tjubija ta' Alla. Ghaliex ma halliekx tiekol mis-sigra? Ghaliex qed jirrestringilek il-gost tal-frotta?

Hija tattika li x-xitan juzaha Hum ukoll: ghaliex Alla ma jridekx tghix kif trid int is-sesswalita tieghek? Ghaliex le ghall-masturbazzjoni? ghall-omosesswalita?

Igieghel ukoll lil Eva tiddubita mill-kelma t'Alla. Alla hu ta' min jafdah? Tghid ghaliex qalli ma nikolx mis-sigra? X'hemm mohbi taht l-ordni tieghu? X'inhu l-veru skop tieghu?
Qatt ma gewk dubji dwar jekk Alla jhobbokx verament? jekk dak li qed jghidiek, hux minnu?

U t-tielet dubju li jpoggi fil-mohh ta' Eva kien proprju dwar l-istess qdusija t'Alla. Alla hu tant qaddis - donnu jrid jghid ix-xitan lil Eva u lilna -

illi taghmel x'taghmel, ukoll jekk int ma tobdihx, Hu mhux ser jikkastigak. Inkella... fejn hi t-tjubija t'Alla? fejn hi l-qdusija tieghu?!

Attakk fuq l-ambizzjoni - Anki l-ambizzjoni, fsens pozittiv, hija don t'Alla. Minghajrha l-bniedem jitghazzen u ma jhares qatt lejn il-futur.

Ix-xitan gharaf dan id-don fEva u attakkaha bih. Cert, il-frotta hajritha, imma hajjarha izjed il-kliem tax-xitan li qalilha li min jikolha, isir hu wkoll Alla (7).

Hi t-tentazzjoni ta' kull jum: issiru allat. Kulhadd jahseb li hu Alla: ix-xjenzjat, il-politiku, l-intellettwali, il-professur, il-kirurgu, is-sahhar, is-satanista...

Ix-xitan sab il-punt debboli tal-bniedem, li fl-ahhar mill-ahhar hu wkoll il-punt debboli tieghu. Alla lill-bniedem dewqu qatra mid-divinita tieghu, u mela rasu. U x-xitan komplajimlihielu!

U Eva waqghet! U l-bniedem waqa'! U int waqajt!

U s-serp tkaxkar kuntent lejn il-hofra tieghu!

## L-Attakk tax-Xitan fuq Gesu

Kristu ried jilbes il-vulnerabilita u d-dghufija kollha taghna, u ghaldaqstant halla lix-xitan jittantah. Kif jghid sewwa l-awtur ta' l-ittra lil-Lhud:

"Kull qassis il-kbir, mehud minn **fost il-bnedmin,**
hu mqieghed ghall-bnedmin
fdak li ghandu x'jaqsam ma' Alla
biexjoffri doni u sagrificcji ghad-dnubiet.
Hu dak li jista' jaghder
lil dawk li ma jafux u li jizbaljaw,
ghax huwa mlibbes bid-dghufija..." (5:l-2).

Rene Laurentin jiddeskrivi t-tentazzjonijiet tax-xitan lil Gesu F'sitt Atti (8):

### L-ewwel Att - Ix-xitan jhedded li joqtol lil Gesu tarbija

Gesu jitwieled minn mara (ara *Gal 4:4)* u x-xitan mill-ewwel jiehdu fil-mira tieghu. Ried jehles minnu u jinqeda b'Erodi (ara *Mt 2:13-18).*

l-pjan tax-xitan ifalli.

## It-Tieni Att - It-Tentazzjoni fid-Dezert

Il-glieda tax-xitan ma' Gesu kienet diga mhabbra fil-Genesi:

"U jien inqajjem mibeghda bejnek u bejn il-mara, bejn nisiek u nisilha, u hu jishaqiek rasek u int tishaqlu gharqubu" (3:15).

Il-kumbattiment bejn Gesu u x-xitan ma kienx facli. Tul il-kumbattiment, Gesu ma riedx ikun l-invulnerabbli. Wara li nizel fl-arena umana, huwa qaghad ghall-istess tentazzjonijiet ta' l-ghadu, minkejja li hareg dejjem rebbieh.

Fid-dezert Gesu jghaddi minn tliet tentazzjonijiet kbar.

1) Tentazzjonii tal-gisem - Gesu kien bil-guh. Ix-xitan ried donnu jaqbdu fuq sieq wahda. Iccalingjah biex ibiddel il-gebel f'hobz. Ma kienx ikun difficli ghal Gesu biex jaghmel dan. Ftit wara, biddel l-ilma f'inbid. Imma l-istedina ma kenitx gejja mill-Missier, imma mix-xitan. U Gesu ma jaccettax (ara *Mt 4:3-4; Lq 4:3—4).* U jwiegbu bil-kliem tad-Dewteronomju *(8:3):* "Mhux bil-hobz biss jghix il-bniedem ".

2) Tentazzjoni tal-glorja - Ix-xitan jistieden lil Gesu jaqbez minn fuq precipizzju, u jistieden l-angli jigu jilqghuh (ara *Mt 4:5-7; Lq 4:9-12).* Ix-xitan hawn stieden lil Gesu jaghmel *show.* Kieku kien fi zmenijietna, kien jistiednu jippoza quddiem il-cameras, jaghti intervisti lill-gumalisti, jitla' fuq il-palk qalb ic-capcip tal-folla.
Imma lil Gesu ma jimpressjonawhx dawn is-sensazzjonalizmi. U jghidlu: "Tittantax lill-Mulej Alla tieghek" {Dewt 6:16; Lq 4:12).

3) Tentazzjoni ta' l-akkwist - Ix-xitan joffrilu l-ibliet kollha li Gesu kien qed jara, jekk hu jaccetta li jadurah.
Din hija t-tentazzjnoni l-izjed qawwija ghal Gesu. Kienet tkun haga ehfef ghal Gesu li kieku kellu jsir ic-centru ta' dawk l-ibliet minghajr il-bzonn tal-battikata tas-salib. Is-salib diga beda jbezzghu lil Gesu. U naturalment kien ser ibezza' bis-shih lix-xitan ukoll. Mela... kieku Gesu accetta, kieku kienu jmorru tajjeb it-tnejn: Gesu jiffranka s-salib u t-tixrid ta' demmu, u x-xitan igawdi mill-assenza tas-salib u d-demm imxerred bhala fidwa.

Imma Gesu huwa sod bizzejjed biex jghid lix-xitan:
"Lill-Mulej Alla tieghek taghti qima, u lilu biss taqdi"
(Lq 4:8; Mt 4:10).

## It-Tielet Att - l-eliminazzjoni ta' Gesu

San Gwann jattribwixxi lix-xitan il-komplotti li l-ghedewwa ghamlu biex jeliminawh (ara *Gw 8:44).* Ma ninsewx dak li jghidilna San Luqa:

"Imbaghad ix-xitan, meta temm dan it-tigrib kollu telaq minn hdejh, sa majasal il-waqt" (4:13).

Ix-xitan dan jaghmlu b'tattika fina hafna. Qabel xejn:

Iqanqal lill-ghedewwa - Il-Fariiej, l-elite tal-popluJiftiehmu ma' l-Erodjani kif serjehilsu minnu (ara Mk 3:l-6). L-Iskribi jakkuzawh li huwa nvazat (ara Mk 3:22-30). L-istess Familja tieghu tipprova twaqqfu mill-missjoni, **ghaliex**
fih tara sinjali ta' genn (ara Mk 3:20 u 3l-35).
Il-Gerasin, minkejja li helsilhom ragel mix-xitan, jaghmlu minn kollox biex ibeghduh (ara *Mk 5:17* u *Mt 8:34).*

L-istess Dixxipli jibdew ihalluh u jitilqu. Jibqghu mieghu l-appostii biss (ara *Gw 6:67).*

Ihawwad lid-Dixxipli.

Tentazzjoni ta' Pietru - Wara li jistqarr f'isem shabu li Gesu hu l-Iben t'Alla l-haj (ara *Gw 6:68),* ftit wara jipprova jfixkel **lil** Gesu milli jmur ghall-passjoni. U Gesu jghidlu:

"Itlaq minn quddiemi, ja xitan, int tfixkil ghalija" (Mt 16:18). Fl-ahhar Cena, Gesu jghid lil Pietru:

"Xmun! Xmun! Ara, ix-xitan riedkom f idejh biex jghaddikom mill-gharbiel bhal qamh" (Lq 22:31).

Ix-xitan jinsab kontinwament f'battalja, specjalment kontra l-kleru.

Ma niskantawx - jghidilna Laurentin - illi minn wara l-Koncilju madwar 40,000 hallew is-sacerdozju. U hafna minn dawn kienu fost l-ahjar (9)!

Possessjoni *ta' Guda* - Dak li ma mexxilux itemm ma' Pietru, itemmu ma' Guda. Wara t-tkattir tal-hobz, Guda jibqa' flimkien ma' l-Appostli l-ohrajn, flimkien ma' Gesu. Imma Gesu diga beda jiskopri fih l-opra tax-xitan. U jghid:

"U madankollu wiehed minnkom huwa xitan. Kien qieghed jghid ghal Guda ta' Xmun l-Iskarjota, ghax kien hu li kellu jittradih, hu wiehed mit-Tnax". (Gw 6:70-71).

Kellu l-kaxxa f idejh, u kien jiehu hsieb il-foqra, imma -jghidilna Gwanni - kien jisraq minnha (ara *Gw 12:8).* Ix-xitan kien qed itambar fuq id-dghufija principali tieghu. Wara li Gesu qasam mieghu l-hobz u hasillu riglejh, Satana jidhol fih (ara *Gw 13:27-30).*
Jidher car kif il-Passjoni ta' Gesu giet imfassla mill-Princep ta' din id-dinja tad-dlamijiet.

Ir-Raba' Att - Il-prova ta' l-Abbandun Gesu jinsab jissielet mal-mewt fost sofferenza tremenda. Ir-rebha - parzjali ghall-ahhar - tax-xitan, tidher fil-qrib. Gesu wasal biex imut. U hawn iwaddab fuq Gesu l-vlegga l-aktar kiefra: l-esperjenza li jhossu abbandunat mill-Missier.

Hafna qaddisin ghaddew minn dawn il-mumenti terribbli: fosthom San Pawl tas-Salib, Bernardette Soubirous, Tereza ta' Lisieux u diversi ohrajn (10).

Ovvjament, din l-agunija tremenda Gesu hassha fuq is-salib, meta tghabba bid-dnubiet kollha ta' l-umanita midinba. F'dak il-mument, it-tbatija kienet fil-quccata u Gesu minn fuq is-salib, quddiem kulhadd.jghajjat:

*"Alla tieghi. Alla tieghi,* ***ghaliex abbandunajtni?*** *" (Mk 15:34).*

*Il-hames Att - Rebha Boomerang*

Jidher li x-xitan irnexxielu jishaq gharqub Gesu (ara *Gen 3:15).* Gesu jmut fuq is-salib. U Satana jhossu rebbieh. Rebbieh... minkejja li malajr induna li kienet rebha *boomerang.* Bl-istess arma li nqeda biha biex elimina lil Gesu, kellu jkun tellief. Ghax l-istess demm, passjoni, salib u mewt kellhom ikunu maz-zmenijiet il-qerda tieghu. Difatti, Satana jitwerwer mis-Salib.

Is-Sitt u l-Ahhar Att - it-Taqbida Eskatologika

Fil-Qawmien u Tlugh ta' Gesu fis-sema, Gesu jirbah id-dinja (ara *Ow 16:33).* L-infern jitlef il-qawwa tieghu; ix-xitan isir impotent!. Hu jkompli l-glieda kontra l-Gisem Mistiku ta' Kristu, il-Knisja. Hi glieda li jkompliha sa l-ahhar taz-zmenijiet, meta mbaghad ikollna r-rebha definittiva ta' Kristu u ta' dawk li jaccettaw il-fidwa tieghu.

**Tereza ta[5] Lisieux**

Jaf li hu tellief, imma ma jaqtax qalbu.
U ma jhalli l-ebda okkazjoni tahrablu, tant hi kbira l-mibeghda u l-ghira li ghandu ghalina. Ikompli l-glieda sa l-ahhar, imqar ma' erwieh l-izjed qaddisa.

Ser ingib esperjenza ta' wahda mill-qaddisin il-kbar tal-Knisja:

**Tereza tal-Bambin Gesu.**
Din is-soru karmelitana franciza zaghzugha, proprju lejiiet il-professjoni taghha jum li kienet ilha tant tistennieh, ghax dejjem qisitu bhala z-zwieg definittiv mal-Gharus taghha Gesu, is-7 ta' Settembru 1890, kienet ittantata mix-xitan b'mod krudil.

Qatt ma kien ghadu gieha dubju dwar is-sejha religjuza taghha, imma issa proprju lejiiet il-kelma definittiva taghha, l-irwiefen ta' l-infem qamu kontrieha. Ix-xitan, tghid il-qaddisa, kien wasal biex jikkonvinciha illi, ghalkemm il-Karmelu kien sabih, pero dik il-hajja ma kenitx ghaliha. "Id-dalma madwari kienet hekk *kbira* - tkompli tistqarr il-qaddisa li minn haga wahda kont certa: jien m'ghandix vokazzjoni". Allura hasset id-dmir li tistqarr mal-Maestra taghha d-dubji li kellha. Imn'Alla l-Maestra kienet imdawla li din kienet biss tentazzjoni qawwija tax-xitan. Tistqarr il-qaddisa, li malli kixfet lix-xitan, dan harab, u regghet issawbet fiha s-serenita li kienet tilfet (11).

**In-Natura tat-Tentazzjoni**

Qabel xejn tajjeb li nkunu cari u nghidu li Alla ma jittantax 'il-bniedem. Dan nghiduh minhabba t-traduzzjoni ftit felici u l-interpretazzjoni zbaljata li nistghu naghtu meta fil-Missierna nitolbu: "u la ddahhalniex fit-tigrib". Alla ma jittantax. Alla jista' iva jittestjana u jippruvana; imma x-xitan jittantana u jhajjarna ghad-dnub.

*Isma' x'jghidiek San Gakbu:*
*"Waqt li tkunu mgarrbin, araw li hadd **ma jghid:***
*'Alla qieghed igarrabni'*
*ghax Alla ma jistax jiggarrab ghall-hazin,*
*u inqas mhu se jgarrab lil hadd.*
*Ghax kull bniedem imgarrab*
*jingibed u jithajjar mill-passjoni tieghu stess" (1:13-14).*

*Mela t-tentazzjoni ma tistax tigi minn Alla.*
*Alla jista' biss, bhal* general *ta' gwerra, jittrenjana biex nikbru fil-* virtu *..Bhala ezempju jippermetti li persuni jghidu kontrija halli jien nikxef kemm hija qawwija l-forza spiritwali li hemm* go *fija. Imma din mhix tentazzjoni; din hija biss prova jew test.*

*It-tentazzjoni ghandha l-gherq taghha jew fina nfusna, jew fid-dinja jew fix-xitan.*

*San Pawl, fl-Ittra tieghu lir-Rumani, ihossu mfixkel min-natura dghajfa tieghu, meta jghid:*
*"Nafu li l-Ligi hi spiritwali*
*imma jien tad-demm u l-laham mibjugh lid-dnub.*
*Ma nafx x'jien naghmel;*
*Naf li mhux dak li rrid naghmel*
*izda dak li ma rridx.*
*Jekk naghmel dak li ma rridx,*
*naqbel mal-Ligi li hi tajba.*
*Issa mela mhux aktar jien li qieghed naghmel **dan,***
*izda d-dnub li hemm jghammar gewwa fija.*
*Naf li t-tajjeb ma jghammarx fija,*

Jigifieri f'gismi.

*Ir-rieda tajba qieghda hemm fija*
*imma li naghmel it-tajjeb mhux hemm.*
*Miniex naghmel it-tajjeb li rrid,*
*imma qieghed naghmel il-haiin li ma rridx"* **(7:13:19).**

*Dan jurina car li hafna gibdiet li nhossu jkunu gejjin mill-istess natura mhassra u dghajfa taghna, natura mcappsa mid-dnub originali.*

*Mela ma nkunux nizbaljaw jekk nghidu li t-tentazzjoni -almenu hafna drabi - tinsab fina stess. Tista' titnissel mit-temperament, karattru, formazzjoni, edukazzjoni, ambjent, familjari, hbieb, u sitwazzjonijiet partikulari li nsib ruhi fihom.*

*Il-fatt illi bosta tentazzjonijiet jigu direttament mill-istess passjonijiet li hemm go fina jew mill-ambjent ta' madwama ma jeskludix li bosta ohrajn jigu direttament mix-xitan: l-iljun li jdur kontinwament madwama biex iwaqqaghna (ara* 1 Piet 5:8-9).

*San Pawl iwissina bosta drabi dwar dan:*
*"Ilbsu l-armatura ta' Alla*
*biex tkunu kapaci tieqfu ghat-tnassis tax-xitan" (Ef.6:ll).*
*"Tinkurlawv? Imma tidinbux;*
*thallux ix-xemx tghib fuq il-korla taghkom, u taghtux il-wisa'*
*lix-xitan" (Ef4:26—27).*

*"Ghalhekk jien ukoll, meta ma flahtx nissaporti aktar,*
*bghatt nara kif intom fil-fidi taghkom,*
*jekk ix-xitan garrabkomx*
*u t-tahbit tieghi safax fix-xejn" (1* ***Tess*** *3:5).*
*"Mela oqoghdu ghar-rieda t'Alla.*
leqfu lix-xitan u hu jahrab minnkom" {dak 4:7).

*L-Iskrittura mela hija cara* ***li*** *hafna tentazzjonijiet jigu direttament mix-xitan. Wiehed m'ghandux ghaliex irabbi fih sens ta' htija minhabba l-hafna tentazzjonijiet li jkollu. Rajna kif anki Gesu kien kontinwament ittantat mix-xitan.*
*"Ghax ahna ma ghandniex qassis il-kbir*

li ma jistax jaghder id-dghufija taghna,

imma ghandna wiehed li kien imgarrab bhalnafkollox,

*minbarra d-dnub" (Lhud 4:15).*

*It-tentazzjoni ghaldaqstant mhix dnub. U lanqas hija sinjal tal-hzunija tal-bniedem. Difatti, kifnaraw aktar 'il quddiem, ix-xitan jittanta mqar lill-qaddisin.*

*Certament, izjed ma ahna ncedu ghaliha, allura izjed imbaghad isir difficli li nirbhuha. Mill-hsieb nghaddu ghall-kelma, mill-kelma ghall-azzjoni, mill-azzjoni ghad-drawwa, mid-drawwa ghall-karattru, u mill-karattru ghad-destin (12).*

*Ovvjament, ic-cahda tal-grazzji li l-Mulej joffrielna, l-indifferenza u n-nuqqas ta' fidi u ta' delikatezza fl-affarijiet religjuzi, l-iskuzi li kontinwament ingibu biex ma nobdux '1 Alla, kollox jghin biex dak li qabel konna kapaci nevitawh, issa nibdew naqghu fih bl-ikbar facilita (13).*

*Wiehed m'ghandux jahseb illi, ghaliex majidnibx, allura ghalih it-tentazzjoni ser tkun izjed facli. Bosta drabi, meta x-xitan jara li ma jkunx irnexxielu, allura jfittex tattika izjed fina u izjed malizzjuza. It-tentazzjonijiet ta' Gesu kienu mill-izjed qawwija, minkejja li zgur hadd ma seta' jakkuzah bi dnub (14).*

*Hemm xi cans li naslu biex naghrfu b'certezza li tentazzjoni tkun gejja direttament mix-xitan u mhux minna nfusna?*

*Mhux facli li tasal ghal certezza matematika. Imma nahseb jghodd hafna hawn il-kumment ta'* ***Bortone*** *meta jghid: "Meta, minghajr ebda precedent, jigifieri minghajr ma ahna nkunu poggejna lilna f'okkazjoni immedjata, it-tentazzjoni tqum fdaqqa u qawwija, allura hemm raguni li ghaliha wiehed jemmen li t-tentazzjoni tkun gejja direttament minn Satana" (15).*

***L-istrategija tax-xitan***

*Ix-xitan ghandu ghan car hafna quddiem ghajnejh.*

*L-ewwelnett jipprova jtellfek milli taghraf lil* ***Kristu bhala l-*** *Hellies tieghek.*
*It-tieni, meta dan ma jirnexxilux, allura jipprova jzommok lura milli taqdih b'mod effettiv.*
*Kull tentazzjoni hija diretta ghal dan il-ghan preciz.*

***Biex*** *jasal, jaghmel minn kollox.*

- *Jattakka indirettament permezz ta' strumenti umani (skandii, hajra*

*ghall-hazen, persekuzzjonijiet) Jew permezz tal-passjonijiet li hemm go fina (ara 1 Tim 6:9; 1 Kor 7:5).*

- *Jattakka direttament fl-isfera psikika, billi jqajjem fantasiji, immaginazzjonijiet u tifkiriet ta' l-imghoddi.*

- *Jattakka wkoll direttament fl-isfera fiiika kultant billi jinbixna fis-sahha taghna.*

- *Jattakka kultant permezz ta' vessazzjonijiet - disturb! esterni, bhalma kienu d-disturbi lil Gob jew lil Tobija permezz ta' l-insuiti min-nisa taghhom. Insibu persuni li huma kontinwament attakkati permezz ta' dizgrazzji personal!, familjari, fizici, ekonomici, morali. Min jaf il-famuza "xewka" li minnha jitkellem San Pawl kenitx xi vessazzjoni tax-xitan?*

- *Jattakka xi drabi permezz ta' persekuzzjonijiet li jigu minn persuni tajbin, li b'intenzjoni retta jgibu tant gwaj lil persuni ohrajn. Forsi fost dawn nistghu nghoddu l-persekuzzjoni li kellu Dun Gorg mill-Kurja jew P. Piju tal-Pjagi mill-Vatikan.*

- *Jattakka permezz tas-suggestjoni - insinwazzjonijiet, suggerimenti, proposti - illi jpoggiiek quddiemek minghajr ic-cans li tirrifletti fuqha, ghax f'ghajnejk tidher sabiha. Kien b'dan il-mod li attakka lil Eva (ara Gen. 3:6) (16).*

- *Jattakka b'mod specjali billi jpoggi quddiemek ghamad halli jtellfek milli tara d-dawl ta' l-Ahbar it-Tajba:*

*"Jekk imbaghad l-Evangelju taghna jibqa' mistur jibqa' mistur ghal dawk li jintilfu;*
*dawk li l-alla ta' din id-dinja dallmilhom il-mohh taghhom nieqes mill-fidi,*
*biex ma jarawx jiddi d-dawl ta' l-Evangelju glorjui ta' Kristu" (2 Kor 4:3-4).*

- *Jattakka billi jiskredita l-Bibbja, il-Kelma t'Alla. Dan jaghmlu b'diversi modi: bi professuri fl-Universita li jwaqqghu ghac-cajt il-Bibbja; bil-fundamentalisti li bhax-Xiehda ta' Gehovah, jinterpretaw letteralment il-Bibbja; bit-teologi li jippruvaw jaghtu tifsiriet personali kontra l-magisteru tal-Knisja; bil-Bibbja ta' Saydonjew ta' l-Ghaqda Biblika Maltija, li tispicca fuq xkaffa ghat-trab; bil-Bibbja satanika moqrija minn ulied ix-xitan.*

- *Jattakka billi jaghlaq fomm l-insara milli jhabbru l-Vangelu lill-ohrajn. "Kulhadd ghandu l-kuxjenz.a tieghu -jghidu hafna nsara - u allura ghalfejn titkellem?!" U hekk ix-xitan, filwaqt lijiftah fomm uliedu biex dawn ixerrdu l-hazen, jaghlaq fomm l-ghedewwa tieghu biex dawn ma jfixkluhx.*

- *Jattakka permezz tal-firdiet. Din hi arma ghaziza hafna f'idejh, ghaliex jaf li meta hemm dizunita fost l-insara, allura ma jkun hemm xejn x'itellfu fl-attakki u l-qerq tieghu.*

- *Iqarraq bis-seduzzjoni, billi jhajjar irgiel ghal nisa li mhumiex taghhom u nisa ghal irgiel ohrajn. Hi tattika antika hafna tax-xitan li jdghajjef lill-bniedem sesswalment biex hekk ikun jista' mbaghad imexxih lejn il-vizzji kollha.*

***Metodi ta' espert fil-hazen***

*Jekk trid tirbah gwerra, dak li ghandek taghmel hu li tikxef il-pjanijiet ta' l-avversarju. Mqar meta tintlaghab partita futbol, il-coach jaghmel minn kollox biex jitkixxef dwar il-pjanijiet tal-loghba. Ladarba tkun wasalt s'hawn, allura jkollok il-loghba fidejk.*

*Hu importanti ghaldaqstant li ahna nikxfu kemm nistghu l-metodi u t-tattika tax-xitan.*

*Fost il-metodi l-izjed gheziez ghalih, insemmu dawn li gejjin:*

• *ihajjar - lill-persuna biex taghmel il-hazin. Mara f'supermarket tigiha l-hajra li tisraq xi haga!*

• *Jiffitta - jigri warajk u jdejqek: jistudjak biex iwaqqghek. Businessman jidhol l-ufficcju; isib kollox imqalleb; is-segretarja ma gitux; it-telefon mhux jahdem; il-kompjuter thassar; il-karozza ma tridx taqbadlu; imur id-dar u jsib il-mara tgerger... Hawn spirtu ta' rabja jidhol fih ujahkmu: ribelljoni, risentimenti, dwejjaq!*

• *Jitturmenta - bhal labra li tniggzek kontinwament. Johloq fik turmentfiiiku - ugigh ta' ras, artrite... turment psikiku - biza' li tista' tiggennen, dwejjaq fil-hidma tieghek... turment spiritwali - dubji jekk Alla hux qed jahfirlek...*

• *Igieghel b 'forza - thoss forza go fik li htija taghha trid bilfors tpejjep, tixrob, tiekol, titkellem, tgerger... Kull tip ta' compulsion hu nuqqas kbir ta' liberta fil-hajja tieghek. Tant drabi nghidu: "nixtieq... imma ma nistax".*

• *Ijassar - jaghmiek ilsir tas-sess, tad-dagha, tal-malafama... Jigri kultant li minkejja r-rieda tajba, int ma jirnexxiiek qatt taqta' vizzju li jkollok. Ix-xitan jorbtok daqslikieku kont ilsir tieghu f'dik il-haga.*

• Jisfida - billi jbeghdek minn dawk id-doni li Kristu hallieiek (Ewkaristija, Bibbja, Knisja, Spirtu Santu, Marija...).

• Iqarraq - ix-xitan huwa giddieb; jipprezentaiek il-hazin bhala tajjeb u t-tajjeb bhala hazin.

• Idghajjef- naf persuna li malli tibda titlobJigiha naghas kbir. Malli tieqaf mit-talb, terga' tigi fsikkitha mill-ewwel.

**Belt miftuha u bla hitan**

Jghidilna l-Awtur Sagru fil-Ktieb tal-Proverbji:

"Bhal belt miftuha u bla hitan, hekk hu l-bniedem li ma jitrazzanx" (25:28).

Bniedem li ma jitrazzanx, huwa bhal karkassa, gisem ta' annimal mejjet, li madwaru jingabru l-isqra u ghasafar ohra hattafa.

Jekk dan il-gisem mejjet irriduh jerga' jiehu mill-gdid il-hajja, jehtieg li jigi msallab ma' Kristu (ara Gal 5:24).

U jekk irridu nbeghdu l-isqra, ix-xjaten, minn madwar dan il-gisem, allura jehtieg li dawn inkeccuhom f'isem Gesu (ara Mk 16:17).

X'ifisser ikollok l-isqra madwarek, icarrtu l-gisem mejjet tieghek?
Ix-xitan facli jidhol, jghammar, jaghmel tieghu il-kamra Jew kmamar li jidhol fihom, icarrat il-gisem li jsibu mhassar.

Biex inkunu izjed konkreti, ser insemmu l-kmamar (zoni) fil-hajja tal-bniedem fejn ix-xitan ihossu izjed komdu (dejjem jekk hajti hija belt miftuha u bla hitan).

Emovjonijiet - hawn facli li nsibu gangs shah ta' spirti hziena. Meta go fina hemm feriti, passat imfarrak, emozzjonijiet zbilancjati, allura facli li madwar il-karkassa ssib is-seqer tar-rabja, is-seqer tal-mibeghda, is-seqer tal-vendetta ecc ecc.

Kburija - hija l-kamra preferita tax-xitan. Minnha jidderiegi l-attakk kollu.
"Min jidhirlu li hu wieqaf joqghod attent li majaqax" (I Kor 10:12).
Kienet il-kburija li gaghlet lit David jaghmel ic-censiment, **biex** jintefah bil-kobor tieghu, u dan kollu kien gej mix-xitan. "U x-xitan qam kontra Israel u xewwex *lil* David biex jghodd *lil* Israel" (1 Kron 21:1). Kienet il-kburija li gaghlet lill-Farizew jiftahar quddiem il-Mulej, u allura johrog imcappas izjed milli kien, meta dahal fit-tempju (ara Lq 18:11).

Axxetizmu falz. - ix-xitan huwa espert kifjiehdok **fl-**estremizmu biex igennek. Isma' x'jghid San Pawl lil Timotju:

"Dawn jisfghu mqarrqa minn nies giddieba, li ghandhom il-marka tal-haien fuq il-kuxjenza **taghhom;** bhal dawk li jikkundannaw iz-zwieg u ma jridux li jittiekel ikel li Alla halqu biex jittiehed b'radd il-hajr minn dawk li haddnu l-fidi u li waslu ghat-taghrif shih tal-veritd. Kull ma halaq Alla, hu tajjeb" (1 Tim 4:2-4). Estremizmi ta' axxetizmu faizjistghujkunu xi skrupli tal-mara mizzewga li ma taccettax tersaq lejn zewgha fiz-zwieg; sawm esagerat li jaghmel hsara lis-sahha; dhul fil-hajja religjuza b'mod sfurzat; il-kastrazzjoni - kif ghamel **Origene** - biex tevita hsebijiet jew atti sesswali...

Hu kollu axxetizmu falz... gej mix-xitan!

Religjonijiet foloz - minghajr ma rridu nonqsu mir-rispett lejn religjonijiet ohrajn, madankollu hi opra tax-xitan meta int tibda tiddubita li Kristu mhux bizzejjed f'hajtek u tinhtieg ghejun ohrajn f'religjonijiet orjentali.

Ereziji - hi wkoll hidma tieghu u ticrita fil-gisem ta' Kristu meta teologi jghallmu teoriji li jkunu f'kuntrast mal-magisteru tal-Knisja, ujnisslu dubji fl-imhuh dwar veritajiet l-izjed elementari.

Okkult - kull min jilghab bl-okkult jew jemmen fl-okkult, ikun qed jiftah dam lix-xitan. Din hija wahda mill-ghelieqi preferiti tieghu.

Il-Mohh - nistghu nghidu li dan huwa l-kamp tal-battalja tax-xitan. Minn hawn iwaddab id-dardi tal-konfuzjoni, dubju, suspett, genn, dipressjoni.

L-Ilsien - gideb, tixwix, malafama, kalunnja, kritika distruttiva, esagerazzjoni fil-kliem, dagha, kliem doppju sens, tpacpic negattiv...

Xalata shiha ghax-xitan!

Sess - X'hemm hazin fil-masturbazzjoni? omosesswalita? konvivenza? sess qabel iz-zwieg? adulterju? fornikazzjoni?

Ix-xitan jikkonvinci 'l-bniedem li dak li jhossu naturali fih, ghandu jaghmlu.

"Kull ma fiha d-dinja, jigifieri l-gibda tal-gisem,

u l-gibda ta' l-ghajnejn

u l-kburija tal-hajja,

dan m 'humex gej mill-Missier **imma mid-dinja"**

*(1 6w 2:16).*

**Konsegwenzi tad-dnub**

Kull ticrita tohrog id-demm u twegga'. Imma zgur li m'hemm xejn izjed x'iwegga' mid-dnub. Il-konsegwenzi tieghu u l-prezz li rridu nhallsu huma tremendi.

Niehdu bhala ezempju l-istat ta' Adam u Eva, wara li gew ittraduti mix-xitan u huma cedew. Xi gralhom?

a Eva waqqghet lil Adam - Min ikun fid-dnub, ihajjar lil haddiehor.

b. Hassewhom mahmugin - Dak li qabel ghalihom kien **hekk** naturali, issa thammeg. Indunaw li kienu gharwenin. **Mohhhom** u qalbhom thassru.

c. Inhbew minn Alla - Bezghu minnu. Sa ftit qabel kienu **jharsu** lejh bhala l-ikbar habib. Issa sar ghalihom imhallef.

d. Dahletfihom il-biia' - Hajjithom ma baqghetx izjed **spontanja.** Bdew jissuspettaw. Inhbew minn quddiem ghajnejn Alla.

e. Hadu l-attitudni ta' gifa - Ma kenux kapaci jammettu l-izball. Bdew iwahhiu rxulxin.

f. Daqu l-mewt spiritwali - maqtughin minn Alla, hajjithom saret tragedja. Imkeccijin minn stat ta' ferh u pact.

g. Hadu l-kastig - Mhux kastig ta' vendetta, imma kastig li jaqa' fuqek bhala konsegwenza tad-dnub.

Ajma hej! Irrangahom wahda ghall-frisk!

## Il-Qaddisin: mira tax-Xitan

Jirrakkonta l-Kardinal **Charles Journet** illi x-xitan kien jittanta bil-kbir lil **San Nikola minn Flue,** Patrun ta' l-Isvizzra (1417-1487).

Nikola kien fil-bidu tal-hajja eremitika tieghu f'Ranft. Darba x-xitan deherlu liebes ta' sinjur, fuq ziemel. Tkellem fit-tul mieghu u pprova jikkonvincih jitlaq mill-eremitagg tieghu, ghaliex b'dan il-mod kien ser jitlef ruhu. Ried insomma jbieghdu mill- hajja kontemplattiva li kien ghazel. Drabi ohra kien johloqlu storbju kbir fic-cella tieghu, u jbezzghu li l-istess bini kien ser icedi. Il-Kardinal Joumet ikompli jghid illi hija haga maghrufa minn kulhadd illi x-xitan ghandu fil-mira tieghu lill-qaddisin, li tant jinkwitawh (17)!

Il-haga wiehed jifhimha malajr. Immagina art komunista, fejn darba kien hemm tant restrizzjonijiet biex wiehed johrog minn pajjizu. Sakemm int f'pajjizek, hadd ma jkellmek. Kollox donnu ghaddej normali. Imma malli int tazzarda taqbez il-fruntiera, allura malajr issib persekuzzjoni shiha kontrik.

Hekk jigri fil-hajja spiritwali.

Sakemm int lix-xitan m'intix taghtih fastidju, allura kollox jidher lijkun sejjer tajjeb. Int majkollokx tentazzjonijiet qawwija, ghaliex... tinsab diga gewwa!

Imma malli tipprova tizloq minn idejn ix-xitan, allura dan malajr johloq kontrik persekuzzjoni shiha.

Jirrakkonta **P. Marie-Eugene** (1894-1966), karmelitan devot hafna ta' Santa Terezina, li darba kien qedjaghmel irtir lis-sorijiet meta wahda minnhom xtaqet tkellmu.

Meta kien quddiemha, P. Marie-Eugene sthajjilha Santa Terezina. Kellha l-fisjonomija taghha.

Din bdiet tikkumplimentah: tghidlu kemm huma sbieh il-prietki, li kien ser isir predikatur popolari... Il-patri qaddis beda jhossu skomdu u allura ghamlilha domanda semplici: "x'inhi l-umilta'?" Ghal dik id-domanda, is-soru sparixxiet minn quddiemu. Induna li kien ix-xitan li ha l-fisjonomija ta' Sta Terezina biex jittantah u jwaqqghu (18).

**Balducci,** espert fid-demonologija, jghid illi bosta qaddisin ikunu vittmi ta' assaiti ta' tentazzjonijiet li xi drabijkunu vjolenti; il-qaddis isib ruhu mahkum minn fantasiji koroh, u jippersistu minkejja li jipprova jkeccihom; jinhakem minn rabja kbira, dwejjaq u kultant disperazzjoni; jasal ukoll biex ixomm riha tinten, hsejjes, ilhna f'widnejh, tghanniq provokanti.

Ma' dawn nistghu inzidu dehriet oxxeni jew tal-biza'; l-istess persuna tista' thossha molestata, vjolentata, imwaddba mis-sodda, bi grifjew ugigh fil-gisem (19).

Certament, dawn il-fenomeni jistghu kollha jispjegaw rwiehhom bil-psikjatrija jew parapsikologija. Imma hafna drabi, il-modalita taghhom u c-cirkustanzi kollha flimkien jaghtu wiehed x'jifhem illi l-makkinazzjoni kollha tkun gejja direttament mix-xitan.

Hafna qaddisin ghaddew minn dan it-turment. Biex insemmu whud: Santa Katerina ta' Siena (1347-1380), San Frangisk Saverju (1506-1552), Santa Tereia d'Avila (1515-1582), Santa Marija Maddalena dei Pazzi (1566-1607), San Gwann Marija Vianney (1786-1859), San Gwann Bosco (1815-1888), Santa Gemma Galgani (1878-1903).

Kienet is-sena 1862. San Gwann Bosco kien jidher ghajjien hafna u pallidu. Shabu daru mieghu preokkupati u nsistew li jiehu l-mistrieh li kellu bzonn. Fl-ahhar, irrivelalhom signet: "Hi erbgha Jew homes t'ijiem ma norqod". Naturalment shabu hasbu li qed jibqa' mqajjem minhabba xoghol li kien baqa' lura. Imma l-qaddis stqarr li ma kenitx din il-kawza. Malli jidhol fis-sodda, jibda jisma' lehen mahnuq f'widnejh li jtellfu r-raqda; imbaghad bhal rih jibda jqalliblu l-karti u jispustalu l-kotba. Don Bosco kien qed jikteb dwar il-qawwa tad-dlamijiet!

Mhux biss: drabi ohrajn kien jinhasad mid-dehra ta' mostru li kien jidher quddiemu, jew id li kienet tigbidlu l-gvieret. Xi drabi l-istess sodda kienet titrieghed.

Wiehed minn shabu, li kien l-izjed kuragguz, offra li jghasses mieghu f'kamra vicin. Imma meta sema' l-hsejjes orribbli, harab b'kemm kellu sahha.

"Ma nawgura lil hadd - kien jghidilhom Don Bosco - *li* ssibu ruhkom wicc imb'wicc max-xitan, kif sibt ruhi jien" (20).

Certament, wahda mill-qaddisin li l-aktar sofriet mix-xitan kienet Santa Gemma Galgani. Is-sofferenza taghha kienet hekk kbira ghaliex il-Mulej ippermetta lix-xitan li ghal xi zmien jippossessaha. Matu*l* dan il-perjodu - jghid Mons. Moreschini -meta kienet tkun attakkata mix-xitan, kienet titgerbeb ma' l-art, issir aggressiva mal-persuni ta' madwarha, tkisser kulma ssib u kienet waslet sa tobzoq lill-Kurcifiss u lill-Madonna (21).

Naturalment, dan kollu kienet taghmlu mgieghia mix-xitan. Alla dan jippermettih f'kazijiet eccezzjonali, biex hekk tikber il-glorja t'Alla bl-umiljazzjoni finali li jsofri x-xitan meta dan ikollu jcedi u jitlaq mirbuh mill-gisem li jkun okkupa.

**U l-Angli Kustodji... fejn huma?**

Kultant nahsbu illi l-angli tad-dlamijiet biss jaghmlu l-hidma taghhom b'tant insistenza, filwaqt li l-angli tad-dawl - dawk Kustodji - huma b'idejhom fuq zaqqhom.
Imma dan mhux minnu. Ir-rebhiet li ahna naghmlu, naghmluhom bil-ghajnuna taghhom. Dan jghidulna hafna car San Tumas d'Aquino (22). U nahseb kien qed jghidu b'esperjenza personali tieghu, ghaliex anki hu kellu jghaddi minn tentazzjonijiet kbar.

Meta l-qaddis kien fil-habs F'Rocca secca, kellu tentazzjonijiet kbar kontra l-purita. "Li kieku l-purita tieghu kellha tiggarraff'dak iz-zmien - jghid dwaru Piju XI - "kieku probabilment il-Knisia qatt **ma** kien ikollha d-Duttur angeliku (23)".

Tant drabi, it-tentazzjoni u l-attakk tax-xitan ikunu hekk *q*awwija, li nahsbu li nkunu f'tarf it-telfa. Imma l-istorja tal-Helsien u l-istess esperjenza jghallmuna, illi meta x-xitan ikun qed jifrah bir-rebha, dak il-hin il-Mulej ikun qed ihejji ghall-ahhar attakk li jgib it-telfa finali tieghu, u r-rebha ta' l-angli taghna u taghna stess.

Meta l-Farghun fl-Egittu rdoppja x-xoghol ghall-Israelin, u dawn sabu li kienu f'cirkustanzi aghar minn ta' qabel, dan kien iz-zmien li beda jressaqhom lejn ir-rebha.

Meta l-poplu sab ruhu dahru mal-hajt, bil-Bahar l-Ahmar quddiemu u bl-ezerctu egizzjan warajh, imsakkar f'morsa, dak kien il-mument ta' l-ikbar trijonf, meta l-bahar jinqasam fi tnejn u l-poplu ta' Israel jghaddi mill-inxief.

Meta l-ggant Golija sfida lil Israel u hadd ma kien kapaci jilqa' l-isfida, u kulhadd haseb li kien it-tmiem. Alla qajjem lil David. It-tmiem kien, mhux ghal Israel, imma ghall-ggant!

Meta Baltassar gie jaqa' u jqum u xorob mill-kalcijiet ikkonsagrati, l-id t'Alla tikteb il-qerda tieghu fuq il-hajt quddiemu.

Meta Aman kien qed ilesti l-forka ghall-poplu kollu, qatt ma gietu f'rasu li dik il-forka kien qed ilestiha ghalih stess (24).

Kemm hija vera l-kelma tas-Salmista:

"Elf ruh jaqghu magenbek,

u ghaxart eleffuq lemintek.

Imma lejk id-deni ma jersaqx,

ghax tarka u kurazza l-fedelta tieghu" (Salm 91:7).

## Storja Demonizzata?

Il-gwerra tax-xitan kontra l-persuni individwalment hija haga certa. Imma Satana jhares izjed 'il quddiem. Lilu jinteressawh mhux biss il-persuni mehudin individwalment, imma wkoll il-gmppi, il-parlamenti, il-kulturi, in-nazzjonijiet, is-socjeta.

Dan stqarru car hafna Pawlu VI fid-diskors tieghu tal-15 ta' Novembru 1992, u kkonfermah il-Papa Gwanni Pawlu II fil-31 ta' Marzu 1985.

Forsi kaz lampanti hafna tax-xitan jattakka nazzjon, sistema, filosofija u l-bqija nsibuh fAdolph Hitler. Inkitbu bosta kotba u artikli biex jigi ppruvat dan (25).

Mayer jipponta subghajh lejn Hitler bhala l-persuna li Satana strumentalizza biexjaqleb ta' taht fuq il-ligijiet kollha tal-morali.

Tghid inkun qed nesagera jekk nafferma illi forsi Hum ix-xitan qed jahdem b'mod izjed fin minn miz-zmien ta' Hitler u taht is-slogan tal-progress qed igib herba f'dik li hi i-inginerija genetika?!

Meta tidhol fil-Bazilika Superjuri ta' San Frangisk, f'Assisi, tilmah ir-raba' affresco ta' Giotto li jirrapprezenta lil San Frangisk ikecci gegwigija ta' xjaten mill-belt ta' Arezzo.

Bla dubju ta' xejn, kieku kellu jkun f'nofsna llum, kien jitfixkel minn liema belt ser jibda!

U ma nimlewx rasna li Malta hija eccezzjoni!

—————————0—————————